**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Wara l-ittra numru 2270/2017 prezentata a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Rikors numru: 102/2018 CFF**

**Automated Revenue Management Services Limited f'isimha proprja u ghan-nom tal-Enemalta u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**
**Vs**
**Sera Jane Mamo**

**Illum 26 ta' Jannar, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** a tenur tal-artikolu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ta' Sera Jane Mamo ta' "Dar Emmaus", Triq il-Belliegha, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 143280M fejn esponiet:

Illi l-esponenti giet notifikata bl-ittra ufficjali numru 2270/17 datata tlieta u ghoxrin (23) t'Awwissu, 2017 (Dokument A) spedita mill-Automated Revenue Management Services Limited a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-istess socjeta' qeghda tirreklama minghand l-esponenti l-ammont ta' elf erba' mija u tnejn u tletin ewro u tmienja u hamsin centezmi (€1,432.58) rapprezentanti bilanc dovut ghall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew hlas iehor skont ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma,

flimkien mal-imghax dovut fuq l-ammont skont il-Ligi relatata mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000096557 ossia dwar il-fond bl-indirizz 35, Flat 4, Triq San Guzepp, Valletta, Malta;

Illi in linea preliminari din l-ittra ufficjali hija rregolari ghaliex saret fil-Qorti tal-Magistrati (Malta). Dan ghaliex l-intimata hija residenti f'Ghawdex. L-esponenti kellha tingata l-beneficcju tal-privilegium fori u per konsegwenza l-ittra ghalhekk kellha tigi prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sede Inferjuri;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponenti qeghda tikkontesta t-talba ghall-hlas tas-socjeta' ARMS Limited, u qeghda tiddikjara illi m'hijiex debitrici ghall-ammont indikat fl-ittra ufficjali. Dan ghar-raguni li l-esponenti ilha li harget mill-fond 35, Flat 4, Triq San Guzepp, Valletta, Malta sa minn Lulju 2008. Hija kienet saldat il-kontijiet tad-dawl u l-ilma sa dik id-data. Dan il-fond kien mikri lilha minghand il-Gvern. Hija pero' kienet infurmat lill-Gvern li kienet harget mill-post mikri lilha f'Gunju 2009 u fil-fatt kera lill-Gvern hallset biss sa Gunju 2009 skond kif tikkonferma kopja tal-ircevuta tal-hlas hawn annessa u markata bhala Dokument B. Dan ifisser ghalhekk li tal-anqas b'effett minn Gunju 2009, l-esponenti ma kien ghad baqghlha l-ebda forma ta' kontroll, pussess jew access fil-proprjeta' u din kienet esklussivament f'idejn terzi persuni. Kwalunkwe hlas li sar dovut ghandu ghalhekk jitqies li huwa responsabbilita' ta' ohrajn u mhux tal-esponenti;

Illi fid-dawl tas-suespost ghalhekk it-talba tal-Automated Revenue Services Limited ghall-hlas tal-ammont reklamat fl-ittra hija wahda kompletament infondata fid-dritt u fil-fatt;

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tiddikjara t-talba tal-Automated Revenue Management Services Limited ghall-hlas tal-ammont ta' elf erba' mija u tnejn u tletin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,432.58) bhala wahda infondata stante li dan l-ammont ma jistax jitqies li huwa dovut mill-esponenti.

Bl-ispejjez ta' dan ir-rikors kontra s-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited.

Rat **ir-risposta tal-Automated Revenue Management Services Limited** fejn esponiet:

1. Illi, preliminarjament, kif jidher fuq, din ir-risposta qed issir biss f'isem Automated Revenue Management Services Limited u mhux ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kif filfatt giet intavolata l-ittra ufficcjali promotorja bin-numru 2270/2017 (emfasi tas-sottoskritt)

2. Illi dan qed jinghad peress li r-rikors biex tigi kontestata l-imsemmija ittra ufficcjali mahruga ai termini tal-Artikolu 44 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, gie maghmul biss fil-konfront tal-Automated Revenue Management Services Limited u ghalhekk kontestat biss fil-konfront tal-istess Automated Revenue Management Services Limited u mhux kontestata fil-konfront tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u ghalhekk illum dawn tal-ahhar diga' ghandha titolu ezekuttiv permezz tal-istess ittra ufficcjali stante, li z-zmien li fih setghet tigi kontestata l-istess fil-konfront ta' dawn tal-ahhar, issa skada;

3. Illi, l-beneficcju tal-*privilegium fori* ma jissussistix fil-kaz odjern, u dana stante li meta giet intavolata l-ittra ufficjali bin-numru 2270/2017 mis-Socjeta' esponenti fit-23 t'Awwissu, 2017, ir-rikorrenti kienet ghadha registrata u resident gewwa Malta, u dan kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala 'Dok NB1';

4. Illi, di fatti, l-ittra ufficjali bin-numru 2270/2017 rigwardanti kontijiet tas-servizzi utili fil-fond 35, Flat 4, Triq San Guzepp, Valletta, giet indirizzata lir-rikorrenti fl-istess indirizz fejn kienet registrata fir-registru elettorali, u cioe' fil-fond 35, Flat 4, Triq San Guzepp, Valletta;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-procedura adoperata, u cioe' dik ikkontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija wahda ta' natura specjali, u dana ghaliex minkejja illi l-pretensjoni tal-kreditur tigi mressqa lid-debitur permezz ta' ittra ufficjali, huwa d-debitur innifsu li jirrikorri ghal Qorti billi

jharrek lill-kreditur u jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara t-talba tal-istess kreditur bhala wahda nfondata;

6. Illi, stante li d-debitur jibda l-proceduri quddiem il-Qorti, il-kreditur jassumi l-pozizzjoni tal-konvenut u ghalhekk gia la darba f'dawn l-atti, is-Socjeta' esponenti hija l-konvenuta, il-*privilegium* fori ma tistax tgawdi minnu r-rikorrenti qua rikorrenti;

7. Illi, nonostante dak eccepit mir-rikorrenti, il-kont bin-numru 101000096557, marbut mas-servizzi moghtija fil-fond bl-indirizz 35, Flat 4, Triq San Guzepp, Valletta, baqa' rregistrat f'isem ir-rikorrenti u ghalhekk baqghet responsabbli ghall-istess, inkluz ghal kwalunkwe pendenzi fuq il-kont;

8. Illi, jekk kemm-il darba, ir-rikorrenti ma baqghetx tokkupa l-fond hawn fuq imsemmi, u per konsegwenza ma baqghetx tuza' s-servizzi relattivi, kien allura jinkombi fuq l-istess rikorrenti illi tiehu hsieb illi tnehhi u titrasferixxi l-kont minn fuq isimha;

9. Illi, ghaldaqstant, b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-Socjeta' esponenti titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficcjali numru 2270/2017 pprezentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala titlolu ezekuttiv ukoll a favur l-Automated Revenue Management Services Limited kontra r-rikorrenti, bl-ispejjez.

Rat li permezz ta' digriet tal-Prim Imhallef datata 16 ta' Dicembru, 2019, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta.

**Ruben Bonnici** ipprezenta kopja tal-kont intestat fuq is-Sinjura Sera Jane Mamo.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta datata 31 t'Ottubru 2019 il-Qorti diversament preseduta kienet tat l-ordni sabiex sas-saduta ta' wara r-rikorrenti tressaq il-provi taghha ghaliex fin-nuqqas il-Qorti

kienet se tiehu provvedimenti ulterjuri. Fil-fatt fis-seduta sussegwenti, u cioe' dik tal-10 ta' Marzu 2020, ir-rikorrenti baqghet m'attendietx ghall-kawza u ma tellghet l-ebda prova sabiex tissustanzja t-talba taghha.

Fis-seduta datata 27 t'Ottubru 2020 Reuben Bonnici ghas-socjeta' Arms Limited, is-socjeta' intimata xehed li l-pretensjoni vantata mill-istess socjeta' kif mitluba fl-ittra li ntbaghtet lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 23 t'Awwissu 2017 ghadha fis-sehh u ezebixxa l-kontijiet relattivi.

Ghalhekk peress li fl-atti ma hawn l-ebda prova li tissusstanzja t-talbiet kif maghmula fir-rikors tar-rikorrenti Sera Jane Mamo, l-Qorti se jkollha tichad l-istess rikors.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qeghda tilqa' t-talba tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited f'isimha propju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, u tawtorizza l-istess socjeta' Automated Revenue Management Services Limited f'isimha propju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma sabiex tmexxi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut fil-konfront ta' Sera Jane Mamo ID 143280M permezz ta' l-att gudizzjarju u d-dikjarazzjoni mahlufa annessa mieghu datati 23 t'Awwissu 2017 u ipprezentati a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti Sera Jane Mamo.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**